IL-KAPPELLA TA' SAN ĠWANN BATTISTA
MIR-RAPPORTI TAL-VIŻTI PASTORALI (3)

# KAPPELLA FL-IMWARRAB B'ĦAFNA DEVOTI

MIR-RAPPORT TAL-EWWEL VIŻTA PASTORALI TAL-ISQOF CAGLIARES (1615)

© JOSEPH BEZZINA • 2020

## 1 • DAĦLA

Dan hu t-tielet artiklu fis-serje ta' kitbiet riċerkati dwar l-Istorja tal-kappella ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija kif toħroġ mir-rapporti tal-viżti pastorali. Dawn ir-rapporti huma sorsi oriġinali u kontemporanji għal dak li jingħad u għalhekk ta' min joqgħod fuqhom.

Erba' mija u ħames snin ilu, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru 1615, l-Isqof Baldassar Cagliares fetaħ l-ewwel viżta pastorali tiegħu f'Għawdex fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija ġewwa ċ-Ċittadella. Hu kien inħatar Isqof ta' Malta u Għawdex fl-età ta' 38 sena waqt konċistorju presedut mill-Papa Pawlu V fil-Palazz tal-Quirinale nhar it-18 ta' Mejju 1615.

Imħeġġeġ minn qaddisu għall-ħidma pastorali, l-Isqof Cagliares (ARA **RITRATT 1** – BIL-KORTESIJA TA' DANIEL CILIA) beda viżta pastorali Għawdex fl-istess sena tal-ħatra tiegħu – ebda isqof qablu u warajh ma għamel viżta Għawdex daqshekk malajr wara l-ħatra. L-Isqof Cagliares beda l-viżta fl-inħawi tax-Xewkija nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 1615.




Ir-rapport tal-viżta hu miktub bil-Latin u l-parti fuq il-kappella ta' San Ġwann tinsab f'folju 43 *verso* – l-oriġinal hu riprodott ma'din il-kitba (**ARA RITRATT 2**). L-oriġinal jinsab miżmum b'għożża fl-AEG•Arkivju Episkopali ta' Għawdex fis-sezzjoni VP•Viżti Pastorali – **VP (1615) 43v**.




## 2 • KAPPELLA WIESGĦA U TWILA

L-Isqof beda r-rapport bit-tagħrifa li *in contrata ta Xeuchia*, fil-ħâra tax-Xewkija, kien hemm kappella *sub invocatione Sancti Joannis Baptistae*, iddedikata lil San Ġwann Battista. Fuq l-altar kien hemm *ycona cum imagine ejusdem Sancti*, ikona bix-xbieha tal-qaddis. Il-kelma *ycona* tagħtik x'tifhem li jew kien inkwatru hekk imsejjaħ ta' tempra fuq l-injam jew inkella affresk impitter fuq il-ħajt.

L-altar tal-ġebel, *altare lapideum*, kien mgħammar kif imiss. L-altar kien *cum una tobalia*, bi dvalja fuq il-*mensa* jew il-wiċċ tiegħu, kif ukoll *pallio telae depictae*, jiġifieri, vintaltar tat-tila li kien impitter. Fuq l-altar kien hemm *duobus candelabris ligneis depictis*, żewġ gandlieri tal-injam impittra wkoll. Dawn il-gandlieri ma kienx ilhom li ġew akkwistati għax fir-rapport tal-viżta pastorali tas-1608 ma jissemmewx. Dik is-sena, il-prokuratur kien fil-fatt ordnat jixtri tnejn. Fuq ir-riħ tal-altar kien hemm *duobus pulvinaribus*, tużell doppju;

l-iskop tiegħu kien li jilqa' milli t-trab jaqa' fuq l-altar. Quddiem l-altar kien hemm imdendel *lampade*, lampier.

Il-kappella kellha *duo ostia*, żewġ bibien – wieħed jagħti lejn il-Punent u l-ieħor lejn it-Tramuntana. Tat-Tramuntana kien dak ewlieni u seta' jingħalaq b'bieb tal-injam. Il-bieb tal-Punent, tal-ġenb, ma kellux għeluq, *absque portis ligneis, quae tamen sunt projectae in terram intus Ecclesiam*. L-Isqof sab il-bieb maqlugħ u kien mitluq fl-art ġewwa l-kappella.

Il-kappella kienet *est tota dealbata*, imbajda kollha kemm hi. Meta mqabbla ma' kappelli oħra, l-Isqof seta' jinnota li din il-kappella kienet *competenter lata et longa*, wiesgħa u twila mhux ħażin. Fi kliem ieħor kellha fejn joqogħdu erbgħa min-nies sewwa.

## 3 • KAPPELLA B'NUMRU TA' DEVOTI

Meta l-Isqof staqsa jekk din il-kappella kellhiex xi dħul weġbuh fin-negattiv, *caret redditibus*. Mhux biss, lanqas ma kellha rettur, jiġifieri ma kienx hemm qassis li kien jieħu ħsieb xi quddies li jsiru fiha. Kien qisu għalhekk li l-bieb kien mitfugħ mal-art u ħadd ma ndenja ruħu jwaħħlu f'postu.

Minkejja dan, il-kappella kellha numru ta' devoti. Tant hu hekk li *ejus festivitate*, jiġifieri f'jum San Ġwann Battista, *multi fideles ob piam eorum devotionem*, ħafna nies b'devozjoni tħeġġeġ lejn il-Battista, kienu jiġbru bejniethom biex isir xi quddies, *nonnullas missas*. Ġie li sar quddies *etiam extra festivitatem*, anki f'jiem oħra li ma kinux ta' festa.

Din hi tagħrifa importanti ħafna. Fil-ħâra tax-Xewkija, erba' mija u ħames snin ilu, in-nies tal-inħawi ġa kellhom tħeġġeġ f'qalbhom imħabba speċjali lejn il-Battista. Dan hu ppruvat mill-fatt li hi ħaġa rari ħafna li tiltaqa' ma' kappella li nhar il-festa titulari kienu jsiru fiha *nonnullas missas*, numru ta' quddies. Kważi dejjem kienet issir quddiesa waħda biss u f'jum il-festa biss.

Din id-devozjoni mħeġġa lejn San Ġwann hi msaħħa wkoll mill-fatt li r-rapport ikompli li *etiam extra festivitatem*, jiġifieri anki f'jiem oħra mhux ta' festa matul is-sena, kien isir il-quddies. Ħaġa iktar rari għal kappella fil-kampanja Għawdxija.

## 4 • ORDNI LILL-PROKURATUR

L-Isqof, kif kien għadu fuq il-post, sejjaħ quddiemu lil Leonardus Merciecha, il-prokuratur tal-kappella u talbu spjega tas-sitwazzjoni.

Mit-tweġiba tiegħu joħroġ ċar li l-qagħda kienet dik li kienet imħabba l-faqar. Stqarrlu taħt ġurament, *qui poenes se asserit*, li l-kappella ma kellha ebda dħul. Xehed ukoll li kulma kellu f'idejh tal-kappella kienu *quatuor tobalias lineas*, erba' dvalji tal-għażel għall-altar.

L-Isqof, kif sema' hekk, *mandavit vendi et praetium expendi in reparation ostii*, ordnalu jbigħ dawn id-dvalji u mill-flus li jdaħħal isewwi l-bieb. U kompla, *ita ut ecclesia claudatur*, biex il-kappella tkun tista' tingħalaq. Iżda mbagħad ħasibha mill-ġdid u qallu jbigħ tnejn biss, *attamen retineat duas*, u jżomm it-tnejn l-oħra, naturalment, *pro necessitate altaris dictae Ecclesiae*, biex ikun jista' jużahom fuq l-altar tal-kappella.

## 5 • KAPPELLA FIL-KAMPANJA

Erba' mitt sena ilu, il-kappella ta' San Ġwann kienet fil-kampanja, li jfisser li fl-inħawi tagħha ma kien hemm ebda bini.

In-nukleju jew iċ-ċentru tal-ħâra tax-Xewkija fis-sena 1615 kien jinsab fl-inħawi tal-kappella ta' Santa Marija tal-Ħamrija. Din il-kappella li kienet, bejn wieħed u ieħor, fejn hemm sal-lum l-istatwa sabiħa tal-ġebel ta' Santa Marija, jiġifieri kantuniera bejn Triq il-Ħamrija u Triq Santa Katerina (ARA **RITRATT 3** – BIL-KORTESIJA TA' PAUL FALZON).



Din l-istatwa li hemm fil-kantuniera hi aktarx l-eqdem waħda fix-Xewkija. Kontra dak li jaħsbu ħafna nies, din mhix ta' Santa Katerina, iżda statwa ta' Santa Marija. Hu żball li ilu ġej minn żmien żemżem, għax aktarx meta semmew it-triq Santa Katerina għamlu hekk għax ħasbu li din l-istatwa kienet tal-qaddisa. Kieku jiddeppendi minni, nagħmel kopja tal-ġebel ta' din l-istatwa u l-oriġinal nesponih fil-Mużew tal-Iskultura tar-Rotunda. Kif ktibt imkien ieħor, din l-istatwa ta' Santa Marija kienet fuq iz-zuntier tal-kappella tal-Ħamrija.

In-nies tal-ħâra tax-Xewkija dak iż-żmien kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi u kif nafu mill-istess viżta (ara VP (1615) 43r), il-kappella ta' Santa Marija kienet miżmuma wisq aħjar. Barra dan, dik il-ħabta, din il-kappella kienet sabet benefattur kbir – Fra Eugenio Romirez-Maldonado, il-Gvernatur ta' Għawdex minn Settembru 1610 sa Awwissu 1613. Kien dan l-istess Gvernatur li ta bħala rigal il-bust ta' Sant'Orsla lill-Katidral, bust li qajjem devozjoni tant kbira li fis-sena 1620, Sant'Orsla kienet dikjarata patruna ta' Għawdex.

Minkejja kollox, kienet il-kappella ta' San Ġwann fil-kampanja tax-Xewkija li kellha 'l quddiem issir iċ-ċentru tad-devozjoni tax-Xewkin u li, tliet mija u tletin sena wara, kellha tinbena r-Rotunda proprju fil-post tagħha.